# 2. Rančis ***

Jien għada mmur Wied Qirda
li jidher hemm fil-bogħod,
fejn l-ilma qed jiżżerżaq
u f'dawl ix-xemx jirtogħod:
mhux għall-bejtiet tal-psiepes
fis-siġar tat-tuffieħ,
lanqas biex taħt ħarruba
nintefa' fl-art nistrieħ:

Jien għada mmur Wied Qirda
biex niġbor ir-Rančis,
bejn blata u blata mkebbes,
bla għadd, u kollu rħis;
biss nisraq suq in-naħal
u l-friefet ħelwa u ħfief,
u mbagħ'd nerħilha niġri,
bil-ferħ naqbeż bħall-ħrief.

Xi ħlewwa ġo Wied Qirda,
xi ħdura ta' ħaxix!
kemm għana jgħannu s-siġar
taż-żiffa mat-tinbix!
L-għasafar fiż-żebbuġa
jintilfu fit-tpespis!
'mma l-ebda ħajr ma jegħleb
dak ġmielek, ja Rančis!

Fuq sitt werqiet tal-fidda
bħal kus tad-deheb sabiħ,
u f'nofsu ż-żrieragħ čkejkna
u d-dakra li trabbih:
il-benna ta' fweħitu
tidħollok ġewwa fik,
tiftaħlek sidrek, qalbek,
isserrħek u thennik;

Bla għadd u geġwiġija,
bajdan, nadif, leqqien,
ix-Xitwa riedet tagħmlu
il-kwiekeb tal-widien;
il-ġlejjeb tiegħu safja,
ġwejda fl-irdumijiet,
taħsibhom djar fuq l-iġbla
fejn jgħammru s-sorijiet.

Ħallini ġo Wied Qirda
niġbor Ranċis fil-qfief,
- naħtaf kemm naħtaf miegħi,
jibqa' biex jieklu l-ħrirf, -
ħa' nagħmlu fil-presepju
ta' Kristu bambin żgħir,
ġod-dija tal-imsiebaħ,
u l-ħjut fiddin tax-xgħir.

U ngħanni ġo Wied Qirda
il-għanja tal-milied:
"kif ommi mara tajba
sa tagħmel il-kagħkiet;"
iwieġbu geġwiġija
l-għasafar mill-ħarrub,
u l-għanja tibqa' tidwi
sakemm fil-bogħ'd iddub!

Jien għada mmur Wied Qirda
biex niġbor ir-Ranċis,
bejn blata u blata mkebbes,
bla għadd u kollu rħis,
u niġbru ħodon ħodon,
bin-nida ġewwa l-qfief,
imbagħ'd nerħilha niġri
bil-ferħ naqbeż bħall-ħrief.

**** l-ewwel darba li ġiet mitbugħa din il-poeżija kellha għadd ta' strofi anqas billi biex tieħu premju fl-Almanakk ta' Muscat ma riedx ikun fiha aktar minn 40 vers.*